MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1191/2007

**Dr Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Genc Yemisciler Dis Tic Ltd**

**vs**

**(1) Promax International Limited (C31752)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti datat 13 ta’ Novembru 2007 fejn gie premess:

1. Illi fil-15 ta' Novembru 2006, is-socjeta intimata Promax Ltd. tablet is-socjeta` rikorrenti ghall-prezzijiet taghha ghal bejgh u konsenja ta' zbib *(raisin sultanas)*, tin nixef *(dried figs)* u berquq nixef *(dried apricots);*

2. Illi fit-28 ta' Novembru 2006 is-socjeta rikorrenti kkwotat il-prezzijiet taghha, kif kien mitlub mis-socjeta ntimata. Konsegwentament il-gurnata ta' wara Promax Ltd. qablet

li tixtri l-merkanzija ghal prezz kwotat u sussegwentament fid-29 ta' Novembru s-socjeta ntimata ffirmat il-kuntratt ta' bejgh (Dok A);

3. Illi l-kuntratt ta' bejgh kien jistipula bejgh u konsenja bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta ntimata ta’:

(a) Ghaxart elef (10,000) Kg ta' Zbib ippakkegat go kaxxex tal-kartun ta' tnax punt hamsa (12.5) kg kull wiehed;

(b) Sebat elef u tnejn (7002) Kg ta' tin nixef tat-tip *layer* ippakkegat gol-*jablo;*

(c) Tlett elef (3000) Kg ta' tin nixef tat-tip *garland* ippakkegat *gol-jablo*;

(d) Elfejn u erbgha (2004) Kg ta' berquq nixef go kaxxex tal-kartun.

4. Illi l-kuntratt ta' bejgh kien jistipula li l-merkanzija kollha ghandha tinbiegh ghas-somma kumplessiva ta' erbghin elf, mitejn u ghaxar Dollari Amerikani u erba’ centezmi (USD40,210.04) ekwivalenti ghal tnax-il elf, disa’ mija u wiehed u sebghin Liri Maltin (Lm12,971) (€30,222), liema somma kellha tithallas dik il-gurnata li tinbaghat il-merkanzija, cioe 12 ta' Dicembru 2006 – *'Payment: CAD at first presentation of Documents'* (estratt mill-kuntratt ta' bejgh Dok A);

5. Illi s-socjeta rikorrenti mal-konferma tal-prezz u l-firma tas-socjeta ntimata, baghtu l-merkanzija, kif ordnata fit-12 ta' Dicembru 2006 lejn Malta mit-Turkija, pero` l-hlas dovut qatt ma sar;

6. Illi Edgar Urpani d-direttur tas-socjeta ntimata ghamel kuntatt mad-direttur tas-socjeta rikorrenti, Uluc Yemisci, u nfurmah li l-hlas ser isir biss la darba l-klijenti ta' Promax Ltd jkun spezzjonaw il-merkanzija meta tasal Malta;

7. Illi s-socjeta rikorrenti qalet li dan m'huwiex accetabbli u talbet is-socjeta ntimata taghmel il-hlas dovut mill-aktar fiss;

8. Meta l-merkanzija waslet Malta, Edgar Urpani accetta l-merkanzija, izda ghamel kuntatt mas-socjeta rikorrenti u ghamel zewg ilmenti f' dan is-sens:

(a) Illi t-tin nixef tat-tip *'Layer'* m'ghandux *'lot numbers'* fuq il-pakketti

(b) Illi l-berquq nixef kien f'kaxxex tal-kartun

9. Illi s-socjeta` rikorrenti spjegat li kien hemm numru zghir ta' pakketti li ma kellhomx '*lot numbers'* u ghal dak li jirrigwarda l-berquq il-kuntratt ta' bejgh kien jistipula espressament li l-konsenja ghandha ssir go kaxxex tal-kartun;

10. Illi madankollu s-socjeta rikorrenti accettat li tiehu lura t-tin nixef tat-tip *'Layer' u* sar ftehim sabiex is-socjeta ntimata thallas il-bilanc dovut ghal l-izbib, l-berquq nixef, u tin tat-tip *'Garland'* liema bilanc kien jammonta ghal hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u tmenin dollaru Amerikan u disgha u tmenin centezmu (USD25,680.89) ekwivalenti ghal tmient elef, erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm8,455.27) (€19,700);

11. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti harget kont gdid ghal l-ammont hawn fuq imsemmi (Dok B) datat 11 ta' Dicembru 2006, liema ammont is-socjeta ntimat wieghdet li ser thallas (Dok C);

12. Illi sussegewentament il-konsenja ta' tin gie rritornat lis-socjeta rikorrenti fit-Turkija pero` kif jixhed Dok D, il-merkanzija kien iddannegata;

13. Illi l-ammont, li huwa bilanc ta' somma akbar cioe` ghoxrin elf, sitt mija u tmenin dollaru Amerikan u disgha u tmenin centezmu (USD25,680.89) ekwivalenti ghal tmient elef, erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm8,455.27) (€19,700) intalab kemm-il

darba minghand is-socjeta ntimata, anki permezz ta' ittra ufficjali; izda hija baqghet ma hallsitx ghalhekk l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta rikorrenti l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba li qed isirilhom;

Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti tablet li s-socjeta` intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta rikorrenti bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u tmenin dollaru Amerikan u disgha u tmenin centezmu (USD25,680.89) ekwivalenti ghal tmient elef, erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm8,455.27) (€19,700) ammont minnhom dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta intimata debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u tmenin dollaru

Amerikan u disgha u tmenin centezmu (USD25,680.89) ekwivalenti ghal tmient elef, erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm8,455.27) (€19,700) ammont minnhom dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------